First Symposium on Music Education in Malta:
It-tagħlim tal-mużika kif jarah l-għalliem

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Abstract: The Symposium was held at the premises of the German-Maltese Circle towards the end of March 2005. This was also the time of the Johann Strauss School of Music 30 years Celebration, and of the 33rd. European String Teachers Association (ESTA) International Conference, also at Valletta.

Astratt: Il-*First Symposium on Music Education in Malta* kien organizzat mill-Għaqda Edukazzjoni Mużikali f'Malta (GĦEMM) bejn it-28 u t-30 ta' Marzu 2005. Il-*papers* kollha (ħdax b'kollox) li nqraw bejn it-28 u t-30 ta' Marzu 2005 ġew stampati fi ktieb li ġie ippubblikat minn Midsea Books Ltd. ta' 3A, Triq id-Dejqa, Valletta.

Kliem muftieħ: ESTA (Malta), GĦEMM, Victoria College of Music (London), Euro Academy of Music (Malta), University of Malta Junior College, Junior College Orchestra, Symposium, Tagħlim tal-mużika fl-iskejjel, Għalliem tal-mużika.

Jeżistu għexieren ta' kotba fuq l-edukazzjoni mużikali fl-iskejjel. Ilkoll iħambqu fuq l-istess ħaġa – x'inhu l-aħjar mod li bih tista' tiġi mgħallma l-mużika f'din id-dinja li qed tinbidel kuljum.

Kieku kelli niftaħ ktieb li ġie ġie, insib xiħaġa hekk:

> *One of the most urgent tasks for teachers of music, espicially those teaching music in schools, is to find some kind of basis on which to build a worthwile and purposeful musical curriculum. The lack of purpose that is so often evident communicates itself to pupils in school, especially those in secondary schools, and makes music appear to be an aimless and rather arbitrary subject that varies enormously from school to school and teacher to teacher. The rediscovery of purposefulness is therefore a prime need at this time. However, along with a sense of purpose must go flexibility required for different groups of children, different types of school and widely differing teacher strengths and weaknesses.*[1]

## Skejjel statali, privati, jew tal-knisja

Jekk nieħdu l-istudenti li jattendu l-iskejjel sekondarji, speċjalment dawk tal-istat, issib li għandek:

[1] Discovering music – developing the music curriculum in secondary schools – Keith Swanwick and Dorothy Taylor – Batsford academic and Educational Ltd. London 1982.

(i) Il-biċċa l-kbira tal-istudenti li l-mużika ma tinteressahomx
(ii) Għadd ftit mdaqqas ta' studenti li jinteressaw ruħhom fil-mużika b'mod pożittiv
(iii) Għadd ħafna iżgħar ta' studenti li ġa jkunu qed jipprattikaw xi strument jew ieħor u allura juru interess

Dan ifisser li, it-tagħlim tal-mużika, anki jekk irid ipoġġi lil kulħadd fl-istess keffa, ikun immirat l-aktar lejn dawk l-istudenti li ma jridux jafu b'mużika! Hija biċċa xogħol tassew iebsa meta inti taf illi dieħel ippreparat fil-klassi u ser issib tilqgħek klassi sħiħa li mhix lesta tisma' kelma waħda minn dak kollu li ser tgħid fuq dan is-suġġett! Il-mistoqsija toħroġ għalhekk weħidha: mela għalfejn din il-ħtieġa kollha għat-tagħlim tal-mużika fl-iskejjel?

Kieku minn daqshekk, l-aħħar ħarġa tas-sillabu tal-mużika għall-iskejjel tagħna tallum u ta' għada, jipprova jagħti tweġiba mhux daqstant oriġinali:

Il-mużika, vokali u strumentali, illum-il ġurnata tifforma parti mill-ħajja ta' kuljum – tinstema' fuq ir-radju u t-televiżjoni, fil-knejjes, swali u teatri. Wieħed jista' faċilment jakkwistaha wkoll fuq cassettes, CDs, Videos u DVDs. Għaldaqstant, huwa importanti ħafna li nfasslu strateġija li biha l-istudenti tagħna jiksbu t-taħriġ, il-ħila, u l-ftehim meħtieġ sabiex ikunu kapaċi, issa u meta jikbru, jaraw il-valur tal-mużika illi tindaqq regolarment, bħala esperjenza li tkompli ttejjeb il-ħajja taħhom.

Kliem sabiħ kieku, imma fit-teorija biss! Dan qed ngħidu għaliex il-mużika fl-iskejjel tagħna tiġi mgħallma biss f'term wieħed minn kull tlieta kemm fil-*Junior Lyceums* kif ukoll fl-*Area Secondary Schools*, bid-differenza li, f'tal-ewwel għandek l-ewwel sentejn biss, filwaqt li, f'tat-tieni mill-ewwel sat-tielet sena. Dan ifisser li, it-tagħlim tal-mużika, jekk tneħħi l-ftit eċċezzjonijiet bħalma hu fil-każ tiegħi, jieqaf ħesrem għall-istudenti tar-raba' u l-ħames sena! Issa, jekk lanqas l-istess sistema edukattiva tagħna ma tippermetti li jkun hemm kontinwità sħiħa fit-tagħlim tal-mużika mill-ewwel sal-ħames sena, kif qatt wieħed jista' jikkonvinċi 'l dak li jkun li t-tagħlim tagħha jista' jiswielek għall-bqija ta' ħajtek!

Min-naħa tiegħu, id-Dipartiment tal-Edukazzjoni jieħu ħsieb jorganizzalna bħala għalliem dawk li nsejħulhom *in-service courses* mifruxin fuq tlett ijiem fil-bidu jew it-tmiem ta' sena akkademika jew tnejn. Il-korsijiet fihom infushom ġid jistgħu jagħmlu, bħalma kien il-każ meta ġiet Verena Machat, waħda mill-fundaturi tal-iskola tal-mużika tal-Gvern, il-Belt Valletta, is-sena l-oħra. Madankollu, ngħid għalija, għadna wisq moħħna biex naddottaw sitemi edukattivi Brittaniċi, jew oħrajn, li qalja jgħoddu għall-iskejjel ta' pajjiżna! Għadna bid-drawwa li nibgħatu 'l niesna jagħmlu l-istudji tagħhom fuq l-andament edukattiv fl-iskejjel imsemmija u jiġu lura b'salt informazzjoni li ma tgħodd xejn għalina.

It-tagħlim tal-mużika fl-iskejjel sekondarji hija biċċa għadma iebsa. Dan jirriżulta minħabba żewġ fatturi ewlenin fil-fehma tiegħi: (a) sillabu wieħed għall-iskejjel kollha, indipendentament mil-livell akkademiku, u bl-iskuża ta' edukazzjoni inklużiva: (b) nuqqas ta' interess fis-suġġett min-naħa tal-istudenti.

**Skejjel akkademiċi**

L-iskejjel akkademiċi privati, bħal mhi ngħidu aħna l-*Euro Academy of Music*, għall-maqlub ta' skejjel sekondarji tal-istat, toffri sitwazzjoni ħafna aktar favorevoli u opportunitajiet tad-deheb għal studenti li jkunu jixtiequ jieħdu l-mużika b'aktar serjetà. Ma nixtieqx hawnhekk nidħol fil-kwistjoni tal-iskola tal-mużika tal-Gvern bla bżonn, imma donnu li l-Malti għandu mentalità li jekk servizz ikun bla ħlas allura jfisser li mhux tajjeb! Dan mhuwiex minnu, bla dubju ta' xejn.

Mill-banda l-oħra, s-servizz professjonali li tista' toffri akkademja bħal mhi din, u d-dedikazzjoni kbira ġejja min-naħa tal-għalliema kwalifikati, joħolqu sens ta' dixxiplina kbira, u l-ħaġa bilfors li ser tħalli l-frott mixtieq. Mela, hawnhekk issa għandek ambjent fejn l-istudenti jiġu biex jitħarrġu fl-arti tal-mużika minn rajhom, għax iridu, għalkemm jista' jkun hemm xi ftit imbuttati mill-ġenituri tagħhom. Dan il-każ tal-aħħar jista' jwassal għal sitwazzjoni fejn l-istudenti jkollu jagħżel l-istrument li ma jkunx jixtieq, bil-konsegwenza li jispiċċa jaqta' qalbu u b'hekk jabbanduna l-istudji mużikali tiegħu f'qasir żmien.

Is-sitwazzjoni li ppruvajt inpinġi issa tista' tidher mimlija ward u żgħar. Madankollu, hemm problema fundamentali li donnu ma nistgħux neħilsu minnha darba għall-dejjem. Kemm l-iskola tal-mużika tal-Gvern, kif ukoll akkademji tal-mużika privati jistgħu joffru s-servizzi tagħhom biss wara l-ħin tal-iskola, jekk mhux fi tmiem il-ġimgħa. Is-sistema edukattiva tagħna qiegħda tpoġġi l-istudenti taħt pressjoni minn età żgħira, saħansitra fil-livell primarju. Ma' dan, wieħed irid iżid ukoll il-ħafna privatijiet li ilhom jinbtu minn żmien għal żmien, u li llum-il ġurnata qegħdin jissarrfu f'tellieqa sfrenata bejn l-istudenti, kbar u żgħar, li ma twassalhom għal imkien ħlief għal aktar frustrazzjoni u qtigħ il-qalb. Is-sistema edukattiva tagħna fil-preżent tagħraf biss is-suċċess tal-istudenti minn kemm iġibu marki sbieħ fl-eżamijiet tal-aħħar tas-sena, u aktar 'il quddiem meta jikbru, l-ammont ta' Sec u Matsecs biex jikkwalifikawhom għad-dħul f'6th. form u eventwalment fl-Universita' ta' Malta, li hija l-ħolma tal-ġenituri forsi aktar milli tal-istess studenti. Meta mbagħad l-istudenti tagħna jiġu biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol qegħdin isibu l-bibien magħluqin. Din is-sitwazzjoni ġibnieha b'idejna stess għax hija wisq marbuta mal-ħiliet akkademiċi. Wieħed irid jifhem illi f'Malta, pajjiż żgħir, il-postijiet tax-xogħol jistgħu faċilment jiġu eżawriti. B'hekk il-frustazzjoni tkompli tikber meta l-istudenti tagħna jintebħu li jkunu ddedikaw tant ħin prezzjuż għall-istudju fil-fjur ta' ħajjithom bil-ħsieb fieragħ li jistgħu jagħmlu xi forma ta' karriera, biex imbagħad isibu li t-talenti l-oħra li Alla għoġbu jżejjinhom bihom, ikunu ilhom li tawhom il-ġenb. Hekk taħdem is-sistema tagħna – bħal morsa dejjem tagħfas u ma tistax tinħall minnha!

Jien qed noffri soluzzjoni finanzjarjament diffiċli imma fl-istess waqt, possibbli. Pajjiżna jista' jagħti bidu għal tip ta' skejjel ta' filgħodu li jistgħu joffru t-tagħlim tal-mużika fl-oqsma kollha tagħha u fl-istess waqt jibqgħu iħaddnu l-ħames suġġetti bażiċi akkademiċi. Dan huwa wara kollox il-mod ta' kif imexxu l-liċej u l-iskejjel tal-mużika barra minn xtutna. U aktar kemm l-istudenti li jikbru fl-età, ikunu qegħdin jikbru magħhom il-ħiliet mużikali tagħhom. Forsi ma tafx kif, mal-piż finanzjarju tal-pajjiż wieħed jista' jżid ukoll xi konservatorju

nazzjonali. Madankollu, tibqa' l-problema ta' fejn ser jispiċċaw jaħdmu dawk l-istudenti li jagħżlu jidħlu f'dawn it-tip ta' skejjel tal-mużika. Jekk issa ġejna f'din is-sitwazzjoni, allura hemm bżonn li niftħulhom aktar opportunitajiet ġodda u nwessgħulhom l-orizzonti tagħhom. Tajjeb li għandna "ċentru għall-kreattivita'" u "orkestra nazzjonali taż-żgħażagh", imma dawn żgur mhumiex biżżejjed sabiex jilqgħu n-numru li dejjem qiegħed jikber ta' talent mużikali li għandna f'pajjiżna. U biex il-biċċa tkompli tagħqad sew, il-postijiet għall-ħaddiema tal-mużika fl-iskejjel tagħna kulma jmorru qegħdin dejjem jonqsu. L-ewwelnett minħabba l-fatt li ġa semmejna aktar 'il fuq – jiġifieri li fis-settur sekondarju, l-mużika qiegħda tiġi biss mgħallma mhux aktar mit-tielet sena, imma wkoll minħabba l-ħsieb li l-pensjoni se titla' sa ħamsa u sittin (65) sena! Dawn, u fatturi oħra, qegħdin ikunu l-kaġun ta' staġnar fil-ħsieb attwali, u biex noħorġu minn din id-dilemma jinħtieg nifs ġdid.

**Il-bordijiet ta' eżamijiet barranin qegħdin joffru alternattiva?**

Mela hawnhekk għandna sitwazzjoni fejn l-istat, min-naħa tiegħu jista', jekk irid, jiftaħ orizzonti ġodda, waqt li l-entitajiet privati, min-naħa tagħhom - għalkemm il-kontribut tagħhom huwa ta' fejda kbira għall-edukazzjoni muzikali ta' pajjiżna - qegħdin dejjem jgħixu bil-biża' li xi darba għad ifallu.

Għaldaqstant, ġo pajjiżna teżisti xi soluzzjoni oħra jew tnejn, jekk tista' ssejħilhom hekk, bl-iskop li jittaffu l-problemi ta' fejn l-istudenti tagħna jistgħu jmorru biex jitgħallmu din l-imbierka mużika. Bħalissa, għandna l-każini tal-banda fuq naħa waħda, u l-lezzjonijiet tal-privat fuq in-naħa l-oħra, li t-tnejn jinsabu mxerrdin sewwa mal-erbat irjieħ ta' Malta, u t-tnejn ilhom issa li qabdu għerquhom sewwa! Fir-rigward tal-każini tal-banda mhumiex fil-kompitu tiegħi li noqgħod nikkummenta dwarhom hawnhekk, l-ewwelnett għax ilni li qtajt minnhom mindu kont għadni żgħir, u t-tieni nett ma nistax nimmaġina li xi darba għad nasal biex nitħajjar ngħallem f'xi wieħed minnhom.

Is-sitwazzjoni tal-privatijiet tal-mużika f'pajjiżna hija waħda kumplessa u sensittiva fl-istess waqt; minn banda mhux lakemm jirnexxilek tpinġi kwadru sħiħ ta' x'qed jiġri sewwa f'dan id-dominju, u mill-banda l-ohra, kelma nieqsa aħjar minn waħda żejda! Il-lezzjonijiet tal-privat x'aktarx li twieldu kawża ta' nuqqas ta' tagħlim biżżejjed minħabba affarijiet oħrajn! Hu x'inhu l-każ, il-biċċa l-kbira tal-istudenti tal-mużika tagħna jfittxu li jmorru jitgħallmu privatament il-prattika tal-istrument u t-teorija tal-mużika rispettivament għax jemmnu li minn hemm biss wieħed jista' jitgħallem bis-serjetà. Issa hawn Malta, għall-kuntrarju ta' professjonijiet oħra, bħal ngħidu aħna mediċina jew liġi, m'għandekx bżonn ta' ebda liċenzja biex teżerċita l-"professjoni" tiegħek bħala għalliem, talanqas privatament. Huwa minnu li kulmin jagħti l-privat tal-mużika jagħmel ħiltu kollha sabiex jgħallem 'il dak li jkun, imma wieħed irid jifhem ukoll li r-rieda weħidha mhux biżżejjed meta tiġi biex teduka 'l ħaddieħor. Madankollu, spiċċajna kulħadd irid jgħallem lil kulħadd, u msejknin il-ġenituri għax ma jifilħux iħallsu aktar privatijiet, u daqstant ieħor l-istudenti għax jispiċċaw imħawdin aktar minn qatt qabel!

Imbagħad daħlu l-bordijiet ta' eżamijiet Brittaniċi, fosthom l-*Associated Board of the Royal Schools of Music* li ilha topera hawn Malta għal aktar minn mitt sena, it-*Trinity College of London,* il-*London College of Music and Media,* u l-*Victoria College of Music, London.* B'hekk issa l-istudenti setgħu jkollhom l-aqwa ċertifikat billi jpoġġu għall-eżami ta' wieħed, jew aktar, minn dawn l-erba' bordijiet barranin.

Fir-rigward ta' dawn il-bordijeit barranin, jiena ser nitkellem f'isem il-*Victoria College of Music* bħala r-rappreżentant onorarju tiegħu. L-informazzjoni li ġejja qed nislitha mill-ktejjeb illi huwa, bħal fil-bqija tal-bordijiet l-oħra imsemmija, joħrog minn żmien għal żmien, bil-għan li jżomm lill-kandidati prospettivi tiegħu aġġornati kemm jista' jkun bl-aħħar żviluppi li jkunu seħħew fi ħdanu. Dan il-ktejjeb iġib l-isem ta' *General Regulations and information.* Huwa jibda biex igħid hekk dwar il-kulleġġ:

> *The Victoria College of Music, founded in 1890 is an indepent examination body which has held examination sessions throughout the United Kingdom and Republic of Ireland, as well as in certain overseas countries, for more than a century. It no longer operates a full-time teaching institution."*

Dwar il-kwalifiki tiegħu mbagħad, jgħid dan li ġej:

> *"Victoria College of Music qualifications are approved by the Secretary of State for Education and Skills, and the Welsh Assembly under the Learning and Skills Act 2000 Section 96, for use in Local Education Authority and grant-maintained schools for pupils of a compulsory school age in England and Wales."*

Meta mqabbel ma' bordijiet ta' eżamijiet oħra, il-bord tal-*Victoria College of Music* iwieġeb hekk:

> *"In response to views expressed by parents and teachers, VCM practical examinations have for many years sought to encourage pupils at the very first steps level, with introductory grades for practical eaminations. This policy has inspired pupils to practise beyond the first novelty stage, grade by grade to medal and diplima level in due course. The expense of purchasing an instrument can be a considerable one but can be vindicated if a first examination success in the early stages of study proves to be useful in stimulating further progressive study."*

U biex żgur ma jidhirx li huwa xi board inferjuri għall-oħrajn, u fl-istess waqt, bla ma jagħti daqstant fil-għajn, ikompli jgħid hekk:

> *"N.B. Grades 1 to 8 are intended to compare on a level for level basis with those of most other examination bodies."*

Il-*Mission Statements* ilhom moda barra, mhux daqstant f'Malta. Madankollu jħallu impatt kummerċjali tajjeb fuq l-individwi u jagħtuh x'jifhem illi għandhom xi missjoni kbira x'jaqdu. Il-Mission Statement tal-bord li jiena nirrappreżenta jgħid xi ħaġa hekk:

> *"Victoria College of Music, London exists to provide an independent system of examinations that encourage young people and mature students to take up and progress the study of self-made Music."*

M'hemmx dubju li meta taqra dan kollu tibqa' impressjonat għall-aħħar, u li ma jistax ikun li ma tiħux il-bord bl-akbar serjetà. B'konsegwenza ta' hekk issa kulħadd imlebleb biex ipoġġi għal dawn l-eżamijiet ta' barra ħalli jfittex iġib l-ittri wara ismu. Imqar diploma waħda minnhom wara ismek, u tista' tibda ssejjaħ lilek innifsek "surmast", jiġifieri mgħallem fl-arti tal-mużika. U kull min iġib xi ittri wara ismu jieħu d-dritt b'idejh li jista' jaqbad u jibda jgħallem. Li forsi ma jafx hu, li hu stess ikun għad fadallu ħafna aktar x'jitgħallem! Imma min ser jurih li t-triq hija ħafna aktar twila u iebsa minn dak li jkun qed jaħseb hu?

**Livell post-sekondarju u pre-universitarju, jiġifieri, il-Junior College**

Il-Junior College tal-Università ta' Malta wkoll għandha l-*Mission Statement* tagħha, li jaqra hekk:

> *Our mission is to provide a holistic quality education to young men and women who seek to join the university by preparing them to develop the attributes needed for tertiary level studies.*

Ħidmet il-kulleġġ huwa li jipprepara lill-istudenti speċifikament għaċ-ċertifikat tal-matrikola fil-livell intermedju u dak avvanzat. Dan iservi ta' passaport għad-dħul fl-Università ta' Malta. Bħala lekċerer tal-programm tal-mużika jiena nkun nistenna li, min jagħżel li jieħu l-mużika bħala suġġett fil-livelli msemmija jagħmel dan minn rajh u mhux għax imġiegħel, u b'konsegwenza ta' dan neħodha li ser jieħu l-kors ta' sentejn bl-akbar serjetà. Madankollu, qaddisi jgħidli li, il-kotba u t-teorija waħidhom mhumiex biżżejjed. Mhux ta' b'xejn li, il-Junior College joffri spekrum sħiħ ta' attivitajiet extra-kurrikulari.

Biex inkompli nsaħħaħ dak li qed ngħid, ser nislet paragrafu mill-handbook tal-Junior College 2004-6. Fi kliem il-Prinċipal stess:

> *The College provides students with a mix of academic, cultural, and health promotion activities... leisure and sports, creative and performing arts, social and community service, student union involvement, clubs, societies, Young Enterprise, Mini European Assembly, President's award, students exchanges, and many other similar activities contribute to help the student devolop personal qualities of tolerance and understanding while it encourages him to develop a good relationship within the tutor-groups and promote in him a sense of belonging to the College community.*

Mela issa għandna quddiemna studenti li laħqu ċerta età u maturità fil-ħsieb, u l-ambjent li fih huma qegħdin jiġu mħeġġin jgħixu, żgur li ser jagħti lok għal ħafna aktar kreattività min-naħa tagħhom, dejjem bil-għajnuna tal-għalliema. Għal dan il-għan, daqs sitt snin ilu, ħadt l-inizjattiva li nwaqqaf l-orkestra tal-kulleġġ. Hija tat l-ewwel kunċert tagħha fil-pubbliku f'kunċert tal-Milied fis-Sala Temi Żammit, l-Università ta' Malta. Minn dak inhar 'il quddiem, l-orkestra qatt ma ħarset lura, tant li jkun impossibli li nelenka l-attivitajiet kollha illi ħadet sehem fihom. Insemmi biss iż-żewġ mawriet importanti illi hija għamlet barra minn Malta, waħda f'Ripatransone, l-Italja fl-2001, fejn tat kunċert fit-Teatro L. Mercantini, u l-oħra f'Hamburg, il-Ġermanja. L-iskambju mużikali sar bejn is-27 ta' Ottubru u s-7 ta' Novembru. Matul dawn it-12-il ġurnata nżammu *workshops* u *masterclasses* minn mużiċist rinomati, fosthom il-vjolinisti Julia Seminova u Rowitha Spaeth, *concertmasters* ta' Hamburger Orchestervereiningung, u ta' Blankeneser Chamberorchestra u ta' Haydn Orchestra rispettivament. Il-mawra laħqet il-qofol tagħha b'kunċert fl-Aula der Schule fil-Gynmasium Blankenese flimkien ma' mużiċisti żgħażagħ Ġermaniżi. Hu maħsub li, il-kontinġent Ġermaniż jiġi jagħti kunċerti f'Malta f'Ġunju li ġej taħt it-tmexxija tas-Surmst Deiter von Sachs. Ma' dan wieħed jista' jżid ukoll li, grupp żgħir ta' mużiċisti mill-orkestra tal-kulleġġ għadhom kif ġew lura mill-Italja l-ġimgħa l-oħra stess wara li taw kunċert ta' *musica da camera* fil-fiera ta' Bolzano bħala parti mill-Fieralingue 2005 li nżammet bejn is-17-19 ta' Marzu fil-Congress Centre Hotel Sheraton.

Meta wieħed jagħti daqqa t'għajn sewwa lejn is-sillabu tal-mużika tal-Matsec fiż-żewġ livelli, jiġifieri fil-livell intermedju u dak avvanzat, malajr jintebaħ kemm l-affarjiet hawn jieħdu dimensjonijiet differenti, anki jekk l-influwenza tas-sillabi, kif imfassla mill-bordijiet ta' eżamijiet barranin, li dwarhom ġa tkellimna aktar qabel, xi ftit jew wisq hawn tinħass ukoll. Bħal donnu aħna m'għandniex il-ħila naqbdu u nfasslu sillabu li jgħodd tajjeb għalina u għall-istudenti tagħna Maltin. Hekk, ngħidu aħna, l-eżami fil-livell avvanzat jaqa' taħt tliet taqsimiet kbar kif ġej:

L-ewwel karta, taħt l-isem ta' "Principles of Musicianship", fiha żewġ taqsimiet, (a), "Sight Singing and Aural Perception", u (b) "Harmony and Counterpoint", liema aspett teoretiku jkopri il-"Common Practice Harmony" u l-"Free Counterpoint".

It-tieni karta, taħt l-isem ta' "History of Music and Analysis", hi wkoll f'żewġ taqsimiet, (a) l-aspett storiku f'forma ta' orali, u (b) jinvolvi lill-istudenti f'"historical and analytical knowledge of set works" kif preskritt fis-sillabu kurrenti.

It-tielet u l-aħħar karta toffri għażla lill-istudent billi tagħtih il-fakultà li jagħżel bejn, (a), li jdoqq xogħlijiet mir-repertorju tiegħu ta' kompożituri magħrufin, jew (b) li jippreżenta kompożizzjoni minn tiegħu.

L-eżami fil-livell intermedju jimxi fuq l-istess linji li għadni kif elenkajt, bid-differenza li issa għandek karta waħda flok tlieta, imma li taqa' taħt tliet taqsimiet, jiġifieri, (a) "Musicianship", (b) "Harmony, Counterpoint, History, and Analysis", u (ċ) "Performing" jew "Composition".

Minn dan kollu jirriżulta li dawn it-tip ta' eżerċizzji huma kollha reminixxenti ta' oħrajn li soltu niltaqgħu magħhom f'eżamijiet ta' bordijiet barranin. Madanakollu, l-importanti huwa li, fl-aħħar, dawn l-eżerċizzji jikkonstitwixxu formazzjoni mużikali soda biżżejjed biex l-istudenti ikun jista' jagħmel it-tielet u l-aħħar pass tiegħu billi jingħaqad fil-programm ta' studji mużikali fi ħdan l-Istitut Mediterranju tal-Università ta' Malta.

Għeluq: Biex nagħlaq fuq nota pjuttost pożittiva tajjeb ngħid illi hawn Malta għandna ħafna talent mużikali fost it-tfal u ż-żgħażagh tagħna. Hija x-xewqa kbira tiegħi u ta' għalliema oħrajn bħali li ma narawx dan it-talent jisfuma fix-xejn għas-sempliċi raġuni li ma nkunux għarafna nfasslu qafas tajjeb biżżejjed biex inżomm il-ħajja mużikali Maltija għaddejja ...